Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15477/1/18
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0004(COD)**

CODEC 2311
SOC 781
EMPL 586
SAN 468

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-12 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq[1], ibbażata fuq l-Artikolu 153(2) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-31 ta' Mejju 2017[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni kien ikkonsultat.

[1] 5251/17.
[2] ĠU C 288, 31.8.2017, p. 56.

4. Fil-11 ta' Diċembru 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u li jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 60/18, bir-Renju Unit jivvota kontra;

– jordna li d-dikjarazzjoni fl-addendum għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[3] 15225/18.